MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 913/2011

**Mohammed Malek ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Baltic Investing Limited (Numru ta' Registrazzjoni Socjetarju 1559327)**

**vs**

**Dr. Alexander Perici Calascione ghan-nom ta' l-assenti Abdelaziz Mjahed Saleh u Ahmid Ahmid**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat id-19 ta' Settembru, 2011, li permezz tieghu ir-rikorrenti ppremetta li ghandu jiehu l-ammont ta' hames mija u sitta u sebghin elf Ewro, (€576,000.00), minghand l-intimat nomine, liema ammont hu dovut ghal self maghmul lil Abdelaziz Mjahed Saleh u Ahmid Ahmid kif indikati fl-istess rikors u dan, flimkien ma' l-ispejjez konnessi ma' din il-procedura;

Rat in-nota ta’ l-intimat nomine fuq indikat datata l-25 ta’ Novembru, 2011, li permezz taghha assuma l-atti u r-rapprezentanza hemm indikata;

Rat ukoll in-nota ta’ l-istess intimat nomine datata d-29 ta’ Novembru, 2011, li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici kollha kif dedotti;

Ghaldaqstant, in vista tal-imsemmija nota ta’ ammissjoni, din il-qorti, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti nomine kif dedotti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimat nomine Dr. Alexander Perici Calascione hu debitur tar-rikorrenti Mohammed Malek ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Baltic Investing Limited fl-ammont ta’ hames mija u sitta u sebghin elf Ewro, (€576,000.00);

2. Tikkundanna lill-istess intimat Dr. Alexander Perici Calascione nomine biex ihallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti Mohammed Malek nomine;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru numru 1238/11, u bl-interessi legali dovuti skont il-ligi mis-17 ta’ Frar, 2009, sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------